**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-PETIZZJONIJIET**

**LAQGĦA NRU 12**

**It-Tnejn, 29 ta' Settembru 2025**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet iltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.38p.m.

L-Onor. Chris Agius, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Ray Abela, l-Onor. Charles Azzopardi, l-Onor. Abigail Camilleri u l-Onor. Ivan Castillo.

**MINUTI**

Il-Minuti ta' Laqgħa Nru 11 ġew approvati.

Il-President tal-Kumitat, l-Onor. Chris Agius, ippreżenta għall-informazzjoni tal-Kumitat:

Dok. 28 Lista' Petizzjonijiet imwieġba u pendenti li kienu fuq l-Aġenda

Il-President tal-Kumitat informa lill-membri li, f'isem il-Kumitat, kien talab direzzjoni min-naħa tal-Ispeaker. Qal ukoll li l-Ispeaker ta Ruling fuq dan is-suġġett u l-Onor. Agius qara r-ruling li kien ingħata mill-Ispeaker waqt is-Seduta tad-29 ta' Settembru 2025.

Il-Kumitat qabel li għandha ssir laqgħa mill-aktar fis biex jiddiskutu ruling u joħorġu set ta' linji gwidi ġodda biex il-kumitat ikun jista' jaħdem aħjar.

Il-Kumitat għadda għall-aġenda li kellu quddiemu u bi qbil bdew bil-Petizzjoni Nru 37.

Petizzjoni Nru 37 – Stop Noise Pollution: Ic-Chairperson qara t-tweġiba tal-petizzjoni. L-Onor. Castillo saħaq li fil-liġi hemm ħinijiet fejn ma jistax idoqq anke jekk għandu liċenzja. Il-mistoqsija għandha ssir ukoll lill-Kummissarju tal-Pulizija biex tiġi indirizzata l-inkonvenjenza tal-istorbju. Tkellmet is-Sinjura AnnaMaria Baldacchino qalet li l-MTA taw żewġ tweġibiet li ma jaqblux ma' xulxin f'drabi differenti li bagħtu lill-kumitat. Semmgħet video clip ta' mużika

għolja fil-ħinijet ta' nofsinhar. Il-Kumitat qabel li għandhom jintbagħtu iż-żewġ risposti tal-MTA biex jispeċifikaw liema risposta hi korretta.

Il-kumitat għadda għall-Petizzjoni Nru 61: Respect, Recognition and Resources for Students in Resource Centres – Nothing About Us without US. Il-Kumitat sema l-kummenti tas-Sinjura Andrea Waltzing u tas-Sinjura Rina Grioli rigward il-kwistjoni li nqalgħet fuq skejjel tal-persuni b'diżabilità; Skola Guardian Angel, Skola tal-Wardija u Skola tal-LifeMap. L-Onor. Ivan Castillo talab li sakemm jinbidlu l-linji gwidja, nistgħu nibgħatu lill-Ministeri kkonċenrat. Il-Kumitat qabel li l-Ministeri jiġu mistoqsija fuq jekk hemmx konferma li l-iskola tal-Wardija hux se tingħalaq, jekk il-ġenituri ġewx innotifikati bis-servizzi li se jkunu qed jingħataw ġewwa ċentru tal-LifeMap hux se jkun l-istess bħal tal-Wardija; jekk hux se jkun hemm l-istess ammont ta' riżorsi fiċ-ċentru tal-Life Map jew hux se jkun hemm aktar; jekk hux se jkun hemm kunsill tal-ġenituri u jekk hux l-istess xogħol li kien issir fl-Iskola tal-Wardija, se jkun qed issir fil-Life Map.

Petizzjoni Nru 12, 18 u 36, kienu riferuti lill-Ispeaker u ġew indirizzati lill-Ispeaker. Se jkunu indirizzati fil-laqgħa li jmiss rigward tibdil ta' linji gwidi u jaraw minn hemm jekk għandhomx jitkomplew jew jiġu eżawriti.

Petizzjoni Nru 38: Ic-Chairperson qara t-tweġiba u bi qbil il-kumitat qabel li din għandha tintbagħat lil min għamel il-petizzjoni u tiġi kkunsidrata bħala eżawrita.

Petizzjoni Nru 40: Iċ-Chairperson qara t-tweġiba u bi qbil il-kumitat qabel li din għandha tintbagħat lil min għamel il-petizzjoni u tiġi kkunsidrata bħala eżawrita.

Petizzjoni Nru 48: Il-Kumitat qabel li għar-rigward ta' dan is-suġġett, għandha tintbagħat il-Malta Labour Migration Policy u jiġu indikati s-sezzjonijiet li jirreletaw mal-petizzjoni. Din il-petizzjoni għandha titqies bħala eżawrita.

Petizzjoni Nru 49: Il-Kumitat qabel li għandu jintbagħat il-ftehim kollettiv ġdid tal-MCAST lil min għamel il-petizzjoni u titqies bħala eżawrita.

Petizzjoni Nru 51: Il-Kumitat qabel li għandha tintbagħat reminder lill-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol biex jagħtu dettalji dwar is-Single Work Permit.

Petizzjoni Nru 52: Il-kumitat qabel li għandha tintbagħat tfakkira oħra għar-rimarka u jintalbu jgħidu jekk kienx hemm qbil li l-isem it-triq sarx skont il-liġi; meta ġie deċiż li jsir hekk u jekk il-Kunsill Lokali kienx ikkunsidrat.

Petizzjoni Nru 53: Iċ-Chairperson qara t-tweġiba li l-Kumitat irċieva. Il-Kumitat qabel biex din it-tweġiba tinbagħat lil min għamel il-petizzjoni u tiġi kkunsidrata bħala eżawrita.

Fir-rigward ta' Petizzjonijiet Nru 55 u 56, il-kumitat qabel li għandha tintbagħat tfakkira oħra biex jingħataw ir-rimarki.

Petizzjoni Nru 57: Il-Kumitat qabel li din għandha tgħaddi għand il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali biex jagħtu r-rimarki tagħhom.

Petizzjoni Nru 58: Il-Kumitat qabel li din għandha tgħaddi għand l-entitajiet ERA u Transport Malta kif ukoll lill-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi.

Petizzjoni Nru 59: Il-Kumitat qabel li din għandha tgħaddi għand il-Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali, kif ukoll lill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar u l-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika biex jgħaddu r-rimarki tagħhom.

Petizzjoni Nru 60: Il-Kumitat qabel li din il-petizzjoni għandha tgħaddi għand il-Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali.

Petizzjoni Nru 62: Il-Kumitat qabel li din il-petizzjoni għandha tgħaddi għand il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali kif ukoll tal-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva.

Petizzjoni Nru 63: Il-Kumitat qabel li din il-petizzjoni għandha tgħaddi għand il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali kif ukoll lill-Kummissarju tal-Annimali.

Petizzjoni Nru 64: Il-Kumitat qabel li din il-petizzjoni għandha tgħaddi għand il-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi kif ukoll lil Transport Malta u anke lill-Kunsill tal-Belt biex jagħtu r-rimarki tagħhom.

Petizzjoni Nru 65: Il-Kumitat qabel li din il-petizzjoni għandha tgħaddi għand il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali għar-rimarki.

Petizzjoni Nru 66: Il-Kumitat qabel li din il-petizzjoni għandha tgħaddi għand il-Ministeru għat-Trasport, l-Infrasturttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi, lil Transport Malta u lil Infrastruttura Malta għar-rimarki.

Petizzjoni Nru 67: il-Petizzjoni għadha trid tagħlaq għal firem u għalhekk id-diskussjoni għadha ma bdietx

Petizzjoni Nru 68: Il-Kumitat qabel li din il-petizzjoni għandha tgħaddi għand il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar, lill-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi kif ukoll lill-Kunsill Lokali.

Petizzjoni Nru 69: Il-Kumitat qabel li din il-petizzjoni għandha tgħaddi għand il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu.

Petizzjoni Nru 70: Il-Kumitat qabel li din il-petizzjoni għandha tgħaddi għand il-Ministeru għall-Ġustizzja u r-Riforma fis-Settur tal-Kostruzzjoni kif ukoll lill-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol għar-rimarki.

Petizzjonjiet Nru 71 u 72 għadhom ma għalqux u għalhekk il-Kumitat qabel li d-diskussjoni ssir wara li jagħlqu għall-firem.

Petizzjoni MP-4: Iċ-Chairperson qara t-tweġiba li l-kumitat rċieva. L-Onor. Charles Azzopardi saħaq li bil-bdil tas-sistema tat-traffiku, żdied aktar l-influss tat-traffiku. Qal li jidher li Transport Malta se tibqa' tinsisti li ma tridx tibdel dawn il-pjanijiet. L-Onor. Ivan Castillo, talab biex il-Kumitat isaqsi lill-Ministeru biex jgħid jekk sarx studju qabel ma sar il-proġett u jekk sarx studju wara biex il-kumitat jara jekk is-sitwazzjoni marritx għal aħjar, jekk baqgħetx l-istess jew inkella jekk marritx għal agħar.

Petizzjoni MP-6: il-Kumitat qabel li terġa' tintbagħat tfakkira oħra lill-Ministeru.

Petizzjoni MP-7: Iċ-Chairperson qara t-tweġiba li rċieva l-Kumitat. Bi qbil, din it-tweġiba għandha tgħaddi lill-Onor. Cutajar li għamel il-petizzjoni u tiġi kkunsidrata bħala eżawrita.

Petizzjoni MP-8: L-Onor. Castillo ngħata l-permess biex jitkellem fuq il-petizzjoni li ssottometta f'isem ir-residenti tal-Mellieħa rigward kamra li kienet inbniet għal watchman u issa qed tinbena bħala appartament u qiegħed illegali. Il-Kumitat qabel li din għandha tintbagħat lill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar u lill-Building and Construction Authority.

Ma kienx hemm aktar petizzjonijiet fuq l-aġenda. Il-Kumitat qabel li kien se jsib data għal laqgħa biex jibdew bid-diskussjonijiet tat-tibdil tal-linji gwida. Il-Kumitat aġġorna għal data li kienet se tiġi kkomunikata aktar 'il quddiem fis-5:50pm

**JARED SULTANA**
**SEGRETARJU TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS, MP**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**